MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Numru. 718/2001

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**

**KONTRA**

**PETER BORG ta’ 55 sena, iben Michael u Anne nee’ Psaila, residenti fil-fond numru 2, Sqaq Sant’Agata, Rabat, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 375653M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **PETER BORG** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-30 ta’ Ottubru, 2001 f’xi hin fil-ghodu fil-Madliena, limiti tas-Swieqi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’

vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAC 514, liema ammont ta’ hsara jammonta ghal aktar minn hames mitt Lira Maltin (Lm500.00) ghad-detriment ta’ Christopher Selvagi detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 433659M u dan bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Christopher Selvagi ngurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici, jew ikun ipprovokat, jingurja b’mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni u tenur tal-Artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAG 586 b’manjiera perikoluza, bla kont u b’velocita’ eccessiva.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a folio 5 tal-process;

Rat li fl-interrogatorju **PETER BORG** wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, kif ukoll illi huwa ma kellu ebda oggezzjoni ghal procedura sommarji;

Semghet ix-xhieda kollha migjuba;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha migjuba;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza si tratta ta’ incident stradali (allegatament wiehed volontarju) involventi l-akkuzat u lill-parte civile Chris Selvagi. Illi l-akkuzat fl-istqarrija tieghu minnu rilaxxata qal illi kellu kwistjoni mal-parte leza fuq bilanc ta’ flus lilu dovuti, tant li bejniethom anke kellhom pendenza l-Qorti. Kien sar jaf ukoll illi l-parte civile kien anke qieghed ifittxu ghas-somma ta’ Lm1,500.00 ghal xi twahhil ta’ madum. Qal li cempel lil Selvagi fuq il-post tax-xoghol

tieghu biex ikun jaf ghaliex il-Lm1,500.00 riedhom. Jghid li ta isem falz ghax kieku ma kienx jirrispondieh fuq it-*telephone*.

Jghid li mar minn jeddu anke jftittxu '*mhux kumbinazzjoni ltqajt mieghu. Kumbinazzjoni huwa kien hiereg mit-triq faccata tieghu. Jiena x'hin rajtu waqaft, zammejt break, u huwa baqa' diehel go fiha*' (folio 11 DOK PB)

Ikompli jghid fl-istqarrija li Selvagi meta gew il-vetturi *head to head*, qatt ma rriversja. Ammetta biss li rassu u lil Selvagi baqa' diehel go fih. Qal li wara vera hareg mill-karozza tieghu u laqghat il-karozza (ta' Selvagi).

Mistoqsi ghala Selvagi kellu jibqa' diehel go fih meta kien hu li mar fejn joqghod Selvagi biex ikellmu, wiegeb li forsi Selvagi kien irrabjat ghalih.

Minn naha tieghu Selvagi xehed kemm bhala xhud tal-Prosekuzzjoni kif ukoll viva voce. Huwa spjega li verament bejnu u bejn l-imputat kien hemm pendenzi fil-Qrati Civili. Wara li allura ltaqghu l-Qorti, l-imputat kien cempillu, uza l-isem ta' Peter Sammut, gharfu bhala l-imputat, urieh b'dan, l-iehor allura l-imputat, skond Selvagi beda jgholli lehnu, jheddu li ser ikissru u li ser ikissirlu kollox, joffendieh u juza kliem pastaz, 'Kliem oxxen hafna.', a folio 37, kemm fil-konfront tieghu, kif ukoll fil-konfront tal-mara ta' Selvagi.

Ghamel fil-fatt rapport mal-Maltacom fil-konfront ta' *malicious phone calls*.

Dwar l-incident bil-vettura, xehed illi miehgu kellu lil bintu Lara li kien ser iwassal lejn l-iskola. Spejga fejn joqghod u li ghadda minn Triq il-Gmiel, triq dejqa li minnha ma jghaddux zewg vetturi. Spjega li din hija l-unika triq illi juza biex johrog minn fejn joqghod stante li ma kienx hemm ezodu iehor. Xehed illi kif wasal f'tard din it-triq, dar Peter Borg bil-vettura tieghu u ghalqu fis-sens illi ma setax jghaddi. Waqaf ezatt mieghu. Ghax hass li gejn l-inkwiet, ghazel li jirriversja t-triq lura, anke ghax ma kellu mkien iehor fejn imur, ghalhekk irriversja sa Triq il-Kaljarun,

distanza konsiderevoli. Xehed '…..kif appena waqaft nirriversja hu baqa' gej u dahal bi *speed* go fija head on u tana skoss…Jien kif hbatna kont bix-*shock* u fil-post narah niezel b'heffa minn gol-karozza…..Qbadt irriversjajt ftit iktar…dort minn mieghu ghax hemmhekk kien hemm ftuh…..tlaqt nigri lejn l-ghassa……'(folio 39).

Xehed ukoll illi meta hareg mill-karozza (l-imputat) anke dar mal-karozza u ta daqqa mal-genb tal-karozza.

Spjega wkoll illi minhabba d-djuq tat-triq fejn saret il-habta, hu bil-fors kellu jirriversja u allura qatt ma seta' jdur fuq l-imputat.

Dwar id-danni sofferti, fil-vettura tieghu gharaf id-dokument CS li hija stima mahruga lilu minn Nissan.

In kwantu ezami spjega li meta l-imputat saq ghal fuqu bl-impatt, il-vettura tieghu l-iktar li soffriet hsarat kien fuq il-quddiem taghha.

Anke Lara Selvagi bint Christopher Selvagi kkonfermat il-grajja kif gia' xehdha missierha. Spjegat li l-imputat mar '…..straight on, flat straight…' (folio 108), dan ghal fuq il-karozza misjuqa minn missierha.

Victor Zammit Tabone spjega li hu kien girien ta' Chris Selvagi. Spjega li hu ma rax l-incident mertu ta' din il-kawza. Xehed pero li ra l-vettura ta' Selvagi ghaddejja minn quddiem id-dar tieghu, waqfet ftit iktar 'il fuq mill-gate tieghu, irriversja u mbaghad baqa' ….bir-reverse minn quddiemu. Xehed ukoll illi minn quddiemu ghaddiet 4 x 4 blu, sema' dak li jahseb li setghet kienet bieba tahbat, li jista' jkun habta (folio 124). Qabel li meta rriversja Selvagi mar lejn id-direzzjoni fejn kien joqghod.

Wara li sema' l-hoss, qal ukoll illi '…..dak il-hin smajt hoss, seta' jkun xi hadd hareg u ghalaq il-bieb, per ezempju hoss hekk u mbaghad ghadda Mr Selvagi daqsxejn mhux at speed, imma ftit iktar bis-sahha minn normali bil-vettura li kienet qieghda tirriversja, jigifieri din id-darba ghaddiet

regghet quddiem bil-front u ftit wara ghaddiet il-karozza l-blu.' (folio 127).

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ftit ghandha xi tghid in rigward ghal dik li hija l-verzjoni veritjiera tal-fatti kif okkorrew. Xhud estranju ghal kollox mill-partijiet direttament involuti, Victor Zammit Tabone, ghalkemm ma rax il-habta per se, ta verzjoni li taqbel ezatt ma' dak illi xehdu Selvagi u bintu dwar il-kronologija ta' l-incident. Ghalhekk hija l-fehma soda ta' din il-Qorti li l-imputat fittex u kkaguna din il-bicca nkwiet di volonta' tieghu, tant li kien hu li ghazel li jidhol gol-vettura ta' Selvagi u fiha kkaguna hsarat konsiderevoli.

Certament fil-konfront tal-hsarat, huwa vera li minn irrediga l-istima per se qatt ma ngab jixhed, pero gie ppruvat mix-xhieda ta' Chris Camlleri (folio 31 – 33) li din giet mahruga minn Nissan Motor Sales. Certament ukoll illi d-danni kkagunati fuq il-vettura ta' Selvagi ghalkemm mhux ezattament kwantifikati, kif deskritti fis-survey report jeccedi l-Lm500.00 (hames mitt lira Maltin). Ta' dan il-Qorti m'ghandhiex bzonn l-uzu ta' l-espert!!

Illi tenut kont dan kollu premess, il-Qorti qieghad ssib htija ai termini ta' l-Artikoli 325(a) u 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, rat il-fedina penali ta' l-istess, qieset li l l-Ispettur Stephen Gatt ma gharafx lill-imputat, pero s-sentenza hekk redatta ggib l-istess partikolari ta' l-akkuzat fl-akkuza u fl-estratt tac-certifikat tat-twelid (folio 4), b'dan ghalhekk illi din il-Qorti m'ghandha ebda diffikkulta' bl-identita' ta' l-imputat ma' dak misjub hati fis-sentenza ezebita. Rat ghalhekk ukoll l-Artikolu 9 u 11 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ghalhekk illi din il-Qorti hija prekluza milli tapplika l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, vide Artikolu 28A(7). Qieset ukoll illi l-fedina penali gia' hija riflettenti reat ta' vjolenza fizika – forsi Petr Borg jahseb li r-raguni hekk tittiehed. Jidher fil-fatt illi ftit tghallem li f'dan

il-kuntest m'ghandux ragun moghti cans biex jinbidel. Rat ukoll illi fl-istqarrija tiehgu ghal darba tnejn anke ppropona li jhallas id-danni kkagunati nonostante li baqa' neganti tar-responsabbilta' tieghu. Dan baqa' ma sarx.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli hawn fuq diga' msemmija, kif ukoll l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tikkundanna lil Peter Borg ghal piena karcerarja ta' tlettax(13)-il xahar, kif ukoll ai termini tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ghal multa ta' €233;

Rat ukoll l-Artikiolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda b 'effett ta' l-istess turbot lil Peter Borg b'obbligazzjoni tieghu nnifsu ghas-somma ta' €233 li ma jvessax, ikellem jew idejjaq lill-familja Selvagi;
Rat ukoll l-Artikoli 15 u 22 tal-Kapitolu 65 u qieghda tiskwalifika lil Peter Borg milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal zmien sitt(6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------